**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru.: 670/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ann Marie Xuereb)**

**vs**

**-Omissis-**
**Mario Spiteri Sacco (347857M)**
**Veneranda Spiteri (483557M)**

**Illum, 12 ta' Ottubru 2016,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **-omissis-**, **Mario Spiteri**, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 347857M, u ta' **Veneranda Spiteri**, detentrici tal-karta ta' l-identità bin-numru 483557M.

Akkuzati fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana;

1) Talli fil-lejl bejn is-16 u is-17 ta' Awissu, 2006, fil-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, bil-koperazzjoni ta' persuni ohra

iddisponejtu minn oggetti, bla dazju, u dan bil-hsieb li tiffrodaw lill-Gvern minn dazju u taxxi li jkun imisshom jithallsu fuqhom.

Liema oggetti ghandhom Valur Dazju ta' Importazzjoni, Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T.) kif jidher hawn taht, rispettivament:

Total Lm 119.00,0 Dazju ta' l-importazzjoni Lm 87.40,1
Dazju tas-Sisa Lm 139.36,0 V.A.T. Lm 62.23,7

Liema Dazju ta'Importazzjoni, Dazju tas-sisa u V.A.T. ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

2) U Aktar talli bhala impjegati mal-'Malta International Airport', in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghkom, tlabtu, ircevejtu jew accettajtu ghalikom jew ghal haddiehor vantagg li ghalih intom ma kellkomx jedd u b'hekk inqastu li taghmlu dak li hu fid-dmir taghkom li taghmlu.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil -omissis-, Mario Spiteri Sacco u lil Veneranda Spiteri ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset ix-xhieda u provi kollha prodotti.

Rat li meta sarilhom l-ezami, l-imputati wiegbu illi ma humiex hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Rat illi mibghut il-kunsens l-imputati wiegbu li ma ghandhomx oggezzjoni sabiex il-kaz taghhom jigi deciz bi proceduri sommarji.

Rat illi l-kawza odjerna, minhabba s-separazzjoni tal-gudizzju, pprocediet biss fil-konfront taz-zewg imputati l-ohra Mario Spiteri Sacco u Veneranda Spiteri.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti tal-31 ta' Mejju 2012.

Rat illi l-Avukat Generali appella mill-istess sentenza permezz ta' rikors t'Appell tad-19 ta' Gunju 2012.

Rat l-imsemmi Appell tal-Avukat Generali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Gunju 2014.

Rat illi f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell iddecidiet: *"Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-appell ta' l-Avukat Generali dwar il-fatt ta' nuqqas ta' assistenza ta' avukat lill-appellati qabel ma gew rilaxxati l-istqarrijiet ghandu jigi milqugh.*

*Illi minhabba din il-konkluzjoni din il-Qorti qed tastjeni milli tikkummenta dwar il-kumplament tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u dwar l-apprezzament li tat l-ewwel Qorti lil dawn il-provi.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Illi biex l-appellati ma jigux privati mid-'doppio esame', tordna li l-atti ta' din il-kawza jergghu jintbaghtu minnufih quddiem il-Qorti tal-Magistrati*

*bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skont il-ligi."*

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza odjerna regghet giet rimessa quddiem din l-Onorabbli Qorti wara appell illi sar mill-Avukat Generali kif fuq spjegat.

Illi l-punt li jrid jerga' jigi deciz huwa dak rigwardanti l-istqarrija tal-imputati u dan skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Gunju 2014, f'liema sentenza ntqal: *"Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-appell ta' l-Avukat Generali dwar il-fatt ta' nuqqas ta' assistenza ta' avukat lill-appellati qabel gew rilaxxati l-istqarrijiet ghandu jigi milqugh."* U astjeniet milli *"tikkummenta dwar il-kumplament tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u dwar l-apprezzament li tat l-ewwel Qorti lil dawn il-provi"*.

Illi wara s-sentenza Borg vs Malta moghtija mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fit-12 ta' Jannar 2016, esebita mid-difiza a folio 231 tal-process, fejn gie deciz illi stqarrija ta' imputat mehuda minghajr id-dritt ghall-assistenza legali ghandha tigi skartata mill-Qorti, u dan minghajr ebda kundizzjoni rigwardanti età, vulnerabbilità jew haga ohra izda tali dritt ghall-assistenza legali huwa ut sic et semplicitur, il-Qrati Maltin qed jaghtu effett lil din is-sentenza u inkludewha fil-gurisprudenza taghna. Hekk ukoll se taghmel din il-Qorti.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tiddikjara illi l-istqarrijiet tal-imputati moghtija fl-2006 minghajr ma nghataw id-dritt li jikkonsultaw ma' avukat qabel jaghtu tali stqarrija m'ghandhiex tigi kunsidrata bhala prova fil-kaz odjern.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi skartati l-istqarrijiet tal-imputati, u kunsidrat illi x-xhieda l-ohra, u cioé, Charmaine Galea u Christianne Cardona ukoll gew imressqa fuq akkuzi ta' evazjoni ta' Dwana ghalkemm mhux f'dawn l-istess proceduri, allura l-uniku xhud li jibqa' huwa Mario Como. Din il-Qorti ma tistax tasal ghall-istess konkluzjonijiet li wasal l-istess Como stante illi fuq dak li jghid Como ma tistax tinstab htija fl-imputati ghall-akkuzi odjerni migjuba kontra taghhom.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li skartati l-istqarrijiet tal-imputati, mill-provi l-ohra prodotti l-Prosekuzzjoni gabet l-aqwa prova minghajr ebda dubju ragonevoli, kif rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali, sabiex tinsab htija fl-imputati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tillibera lill-imputati mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur